MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 144/2003

**Arken Limited, Jcon Limited**
**u Dr Godwin Muscat Azzopardi**

**Vs**

**Saviour Psaila u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2004, l-atti huma trasfuzi f'isem Grace u Teresa ahwa Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jizgombra u jivvaka mill-istruttura denominata 'beach post' li tinsab fl-art maghrufa bhala Ta' Zelaida fil-kontrada taz-Zonqor, limiti ta' Marsascala, proprjeta tal-atturi, mill-konvenut okkupata minghajr titolu validu fil-ligi u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datat 20 ta' Ottubru 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. Ghal

fini ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, il-valur lokatizju ma jeccedix l-hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-atturi ghandhom jaghtu prova ta l-allegat titolu fuq il-'beach post' li tinsab fl-art maghrufa bhala ta' Zelaida fil-kontrada taz-Zonqor limiti ta' Marsascala.
2. Illi minghajr pregiudizzju ghas-suespost l-esponent ilu jokkupa l-"beach post" minghajr xkiel ta' xejn ghal fuq minn tletin (30) sena, biex se mai tapplika l-ligi ta' preskrizzjoni.
3. Ili minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jinghad, minnufih, illi wara li nghatat is-sentenza, fl-istess ismijiet mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2008 (ara 'infra' u l-atti kollha originali gew rinvjati lura lil din il-Qorti kif presjeduta, l-atti sparixxew mir-Registru u sallum ghadhom ma nstabux.  Bhala konsegwenza sar tentattiv sabiex issir <u>rikostruzzjoni</u> tal-atti kollha relattivi u fl-istat li dawn huma din il-Qorti tista' tiddeciedi il-kaz, finalment f'dan l-istadju.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, effettivament u filfatt, il-kontenzjuz, f'dan il-kaz jirreferi biss ghat-<u>tieni eccezzjoni</u> kif sottomessa mil-konvenuti ossija l-allegata okkupazzoni da parti ta' dan tal-post in kwistjoni ghal fuq minn tletin (30) sena.

Illi, dwar dan il-punt, skond kif jidher mis-sentenza mghotija minn din il-Qorti, kif presjeduta, fit-2 ta' Lulju 2007, hemm annessa, l-istess Qorti kienet iddikjarat ruha inkompetenti 'ratione materiae' ghar-ragunjiet premessi fiha. Izda, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza hemm fuq citata kienet iddecidiet, ghar-raguni premessi fiha, billi tiddekreta s-soprasessjoni tal-istess kawza u pprefiggiet lill-konvenut terminu ta' xahar improrogabbli biex jipprocedi bl-appozita azzjoni ghal verifika u decizjoni definittiva tal-istess eccezzjoni u ghalhekk l-atti gew rimandati lil din il-Qorti ghal dan il-ghan.

Illi, in konformita' mal-istess sentenza, u ghal istess skop ir-Registratur tal-Qorti, permezz ta' nota presentata fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru 2008, in atti, iddikjara, illi minn ricerki li ghamel u mid-dokumenti annessi mal-istess nota u markati "A1", "A2" u "A3", ma irrisultax li giet intavolata xi kawza fl-ismijiet hemm indikati. Dan ifisser illi l-konvenuti jew is-successuri tieghu ma intavolaw l-ebda kawza ghal verifika u decisjoni definittiva dwar it-tieni eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, u tenut kont illi l-ewwel (1) eccezzjoni di gja giet decisa definittivament skond kif jidher mis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta u illi t-tielet (3) eccezzjoni ssemmi biss illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt minghajr ma gew specifikati r–raguni jew ragunijiet ghal dan, din il-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza fuq il-meritu.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u :-

1. Tiddikjara li l-konvenuti qeghdin jokkupaw l-istruttura denominata 'beach post' li tinsab fl-art maghrufa bhala 'Ta' Zelaida' fil-kontrada 'Taz-Zonqor' limiti ta' Marsascala, propjeta tal-atturi, minghajr titolu validu fil-ligi u;
2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgombraw u jivvakaw mill-istess struttura hawn fuq imsemmija u dan sad-9 ta' Frar 2010.

In rigward l-ispejjes, tenut kont, tac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz kif di gja spjegati, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------